MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 339/2013

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**
**Refalo Victor**
**ID-520664(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet illi l-konvenut ghandu jaghti lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija u erbghin Euro u wiehed u sittin centezmu (€440.61c) in konnessjoni ma’ 79992067 (AC40166892), liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta’ kuntratt datat 13 ta’ Jannar 2011.

Illi s-somma ta’ erba’ mija u erbghin Euro u wiehed u sittin centezmu (€440.61c) fuq indikata hija komposta minn mitejn wiehed u hamsin Euro u wiehed u sittin centezmu (€251.61c) dovuti in konnessjoni mas-servizz u dan skond Dokument A anness, flimkien ma’ mija disgha u tmenin

Euro (€189) dovuti bhala penali skond Dokument B anness.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2445/12, u bl-imghax mit-18 ta’ Ottubru 2012, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra d-dokumenti mehmuza mal-Avviz tat-Talba, u cioe’ Dok. A sa Dok. E.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija u erbghin Euro u wiehed u sittin centezmu (€440.61c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------